MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 443/2014

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Fatma Borg**
**ID 516011(L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Lulju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet permezz tal-prezenti lis-socjeta' kummercjali GO p.l.c (c22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha propju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mobisle Communications Limited (C24655) kif debitament awtorizzata, tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' elfejn u wiehed u disghin ewro u erba' u hamsin centezmu (€2,091.54), ammont dovut lill-istess socjeta' mittenti in kwantu ghal elf u mitejn ewro u disgha u ghoxrin centezmu(€1,200.29) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar skont kuntratt datat

20 ta' Marzu, 2012 (AC40170603), flimkien ma' tmien mija wiehed u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€891.25) in konnessjoni mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijietlegali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti.

Il-konvenuta wara li giet debitament dehret quddiem it-Tribunal u ammettiet illi kellha tghati is-somma tmitluba lis-socjeta' attrici. Talbet pero' illi minkejja li lesta thallas din is-somma pero' thallas b'rati mensili.

It-Tribunal wara li semgha l-partijiet jaqta' u jiddecidi billi jilqa'it-talba attrici ghas-somma ta' elfejn u wiehed u disghin ewro u erba' u hamsin centezmu (€2,091.54) b'rati mensili ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar pero' illi kemm il-darba l-konvenuta tonqos f'pagament wiehed allura s-socjeta' attrici jkollha d-dritt titlob l-ammont li jkun fadal x'jithallas f'somma wahda u b'hekk jintilef il-beneficju tal-hlas mensili.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------